

Brussell, 8 ta' Awwissu 2018
(OR. en)

11565/18

MAR 105
FIN 610
ENV 549

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 564 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament (UE) Nru 911/2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 564 final.

Mehmuż: COM(2018) 564 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.7.2018
COM(2018) 564 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament (UE) Nru 911/2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass

{SWD(2018) 394 final}

INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 911/2014¹, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament u għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-miżuri tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) sabiex tirispondi għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

Ir-rapport u l-anness tiegħu jippreżentaw ir-riżultati tal-użu tal-kontribut tal-Unjoni kif ukoll evalwazzjoni tal-kapaċità tal-Aġenzija li tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha b'mod effettiv u kosteffikaċi.

Dawn ir-riżultati ser ikunu siewja għall-Kummissjoni u għall-Bord Amministrattiv tal-EMSA sabiex jiddiskutu kwalunkwe orjentazzjoni mill-ġdid u rilevanti fir-rigward tal-allokazzjoni tar-riżorsi u l-attivitajiet fi ħdan l-eżerċizzju ta' programmazzjoni annwali u pluriennali tal-Aġenzija.

SFOND

Fil-passat, l-ambjent tal-baħar, il-kosti u ċ-ċittadini ġew affettwati minn tixrid kbir ta' żejt. It-tankers bħal *Torrey Canyon* (1967), *Amoco Cadiz* (1978), *Erika* (1999) u *Prestige* (2002) irriżultaw f'diżastri ambjentali. *Deepwater Horizon* (2010) fil-Golf tal-Messiku enfasisza r-riskji ewlenin li huma assoċjati wkoll mal-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass u mat-tħaffir esploratorju. Is-sensibilizzazzjoni dwar l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali tat-tixrid taż-żejt² ippromwoviet evoluzzjoni sinifikanti maż-żmien ta' strutturi ta' tħejjija u rispons fl-Istati Membri u l-industrija.

Wara d-diżastru ta' *Prestige*, li dak iż-żmien enfasisza n-nuqqas eżistenti ta' kapaċità ta' rkupru taż-żejt fil-baħar fl-Ewropa, ġie deċiż li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE billi titwaqqaf kapaċità supplimentari sabiex l-Istati kostali madwar l-Ewropa jġu meġhuna biex jirrispondu malajr, b'mod effettiv u effiċjenti għal tixrid kbir ta' żejt. Fl-2004, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima nġhatat il-mandat biex tipprovdi din il-kapaċità supplimentari lill-Istati Membri. Din ma għandhiex tissostitwixxi l-kapaċitajiet nazzjonali (la fil-livell nazzjonali u lanqas fil-livell reġjonali) iżda tipprovdi l-kapaċitajiet addizzjonali meħtieġa f'każ ta' inċident kbir.

Wara d-diżastru tad-*Deepwater Horizon* li involva rigg tat-tħaffir taż-żejt barra mill-kosta, ġiet applikata l-istess loġika li l-EMSA setgħet tintervjeni f'każ ta' inċident kbir filwaqt li ma tissostitwixxix ir-responsabbiltà ewlenija tal-industrija taż-żejt u tal-gass biex ikollha l-mezzi ta' rispons tagħha stess.

Fis-snin riċenti, ma kien hemm l-ebda diżastru kbir fl-ibħra tal-UE l-aktar b'riżultat tal-progress li sar f'termini ta' livelli ta' prevenzjoni u ta' sigurtà li kienu sforz konġunt tal-partijiet ikkonċernati privati, tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-baħar, tar-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014).

² **Pereżempju, l-istudju ppubblikat minn Fundación Barrie de la Maza dwar l-impatt tat-tixrid ta' Prestige fl-2003 ħareġ stima li l-operazzjoni tat-tindif tal-kosta tiswa madwar EUR 2.5 biljun, b'madwar EUR 2.2 biljun jintefqu matul l-ewwel sentejn. Il-ħsara ekonomika totali tul għaxar snin ġiet stmata minn diversi awturi ("Professional Economist Associations of Galicia" (Assoċjazzjonijiet ta' Ekonomisti Professjonali ta' Galicia)) għal madwar EUR 5 biljun.**

regolamentazzjoni internazzjonali u tal-politika tal-UE. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-UE dwar is-sigurtà tal-baħar, li jippermetti infurzar uniformi ta' standards stretti ġab miegħu bidla radikali fir-rigward tat-tixrid potenzjali taż-żejt u tat-tniġġis tal-baħar fl-ibħra tal-UE.

Madankollu, diversi inċidenti wrew l-importanza li tinżamm kapaċità diversa u effettiva ta' rispons għat-tixrid taż-żejt, bħall-ġharqa tat-tanker *Agia Żoni II* fl-ibħra Griegi f' Settembru 2017. Hemm ukoll evidenza fir-rigward tar-riskji kontinwi assoċjati mat-trasport taż-żejt u mal-attivitajiet taż-żejt u tal-gass barra mill-kosta, b'żieda dejjem akbar fil-volum ta' trasport bil-baħar u l-espansjoni ta' tħaffir esploratorju u ta' estrazzjoni.

L-ATTIVITAJIET TA' RISPONS GĦAT-TNIĠĠIS TAL-EMSA

Skont ir-Regolament kostitutiv tagħha³, l-EMSA għandha l-kompitu li:

- Tappoġġja fuq talba b'mezzi addizzjonali u b'mod kosteffikaċi l-mekkaniżmi ta' rispons għat-tniġġis tal-Istati Membri;
- Ttipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għajnuna teknika u xjentifika fil-qasam tat-tniġġis tal-baħar minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

Servizzi ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt

In-netwerk tal-bastimenti ta' rispons għat-tixrid taż-żejt ta' riżerva tal-EMSA ġie stabbilit u nżamm tul il-proċeduri tal-akkwist annwali li bdew fl-2005. Dan is-servizz huwa bbażat fuq in-noleġġ fit-tul ta' bastimenti kummerċjali, li huma adattati biex isiru bastimenti ta' rispons għal tixrid taż-żejt okkażjonali. Meta dawn ma jkunux meħtieġa li jirrispondu għal xi tixrida taż-żejt, dawn iwettqu l-attivitajiet kummerċjali normali tagħhom dment li jibqgħu f'raġġ ta' 24 siegħa li jippermettilhom jintervjenu malajr f'każ ta' emerġenza. Is-servizz jimplimenta r-riżorsi u l-arranġamenti li diġà jkunu ġew stabbiliti fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

Wara l-estensjoni tal-mandat tagħha fl-2013 biex tirrispondi għat-tniġġis minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, l-Aġenzija aġġornat il-kapaċità ta' rispons tal-flotta tal-bastimenti tagħha. Dan sar l-aktar biż-żieda ta' xi kapaċitajiet ta' traxxix ta' aġent dispersiv f'xi arranġamenti f'żoni fejn din it-teknika ta' rispons hija aċċettata mill-Istati kostali jew billi tjiebet il-kapaċità tal-bastimenti biex jittrattaw atmosferi vaporużi u splussivi⁴. L-EMSA għamlet disponibbli ħażniet ta' aġenti dispersivi u sistemi ta' applikazzjoni ta' aġenti dispersivi bil-baħar, li primarjament huma maħsuba għall-użu f'każ ta' avvenimenti kbar ta' tniġġis ikkawżati minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, iżda jistgħu jintużaw ukoll f'każ ta' tniġġis ikkawżat minn vapuri.

Evoluzzjoni oħra tal-kapaċità ta' rispons tal-Aġenzija hija l-implimentazzjoni tal-programm tas-Servizz ta' Għajnuna fit-Tagħmir. L-għan ta' dan il-programm huwa li jagħmel is-sett ta' għodod għar-rispons tat-tniġġis tal-EMSA aktar divers permezz tal-ġhoti ta' tagħmir speċjalizzat li jopera b'mod indipendenti. Mill-2016, ġew stabbiliti żewġ ħażniet ta' tali tagħmir fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 100/2013, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 39, 9.2.2013)


⁴ L-iskariki ġodda u kontinwi taż-żejt minn installazzjonijiet barra mill-kosta jgħolqu atmosferi vaporużi u splussivi. Sabiex ikunu jistgħu jintervjenu qrib is-sors tat-tixrid, jeħtieġ li l-vapuri u t-tagħmir jiġu adattati biex jittrattaw punt ta' f'ammabbiltà inqas minn 60° u jevitaw li jgħolqu periklu.

Fi tmiem l-2016, il-kapaċità ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt tal-EMSA kienet magħmula mill-arranġamenti li ġejjin:

- 17-il bastiment ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt ta' riżerva mġhammra b'kollox għall-irkupru mekkaniku taż-żejt, li 4 minnhom kienu mġhammra wkoll b'kapaċità ta' traxxix ta' aġenti dispersivi;
- 4 ħażniet ta' aġenti dispersivi;
- 2 provvisti tas-Servizz ta' Ghajjuna fit-Tagħmir.

Id-distribuzzjoni tal-arranġamenti ta' rispons għat-tniġġis tal-EMSA fit-tmiem tal-2016 qd tingħata f'Figura 1.

Figura 1: Id-distribuzzjoni tal-arranġamenti ta' rispons għat-tniġġis tal-EMSA fl-ibħra Ewropej fit-tmiem tal-2016



sors: EMSA

CleanSeaNet

Minbarra t-tixrid taż-żejt li jirriżulta mill-aċċidenti, l-iskariki taż-żejt (u sustanzi oħra) illegali, inċidentali jew b'mod intenzjonat fl-ambjent tal-baħar huma sors ewlieni tat-tniġġis tal-baħar li huwa inqas viżibbli iżda ma jikkawżax inqas ħsara. Bl-adozzjoni tad-Direttiva (KE) Nru 35/2005 dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri⁵, il-kompitu li jiġi identifikat it-tixrid taż-żejt, inklużi l-iskariki illegali fil-baħar, ġie inkorporat fl-attivitajiet tal-EMSA bħala parti mill-

⁵ Id-Direttiva 2009/123/KE tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L280, 27/10/09)

kapaċità ta' rispons tal-Aġenzija. B'riżultat ta' dan, fl-2007 ġie stabbilit is-servizz ta' identifikazzjoni u monitoraġġ ta' tixrid taż-żejt bis-satellita CleanSeaNet.

Meta jiġi identifikat tixrid taż-żejt possibbli fl-ibħra nazzjonali, jintbagħat messaġġ ta' twissija lill-pajjiż rilevanti. F'każijiet ta' tixrid ta' livell għoli ta' twissija, is-Servizz ta' Appoġġ Marittimu tal-EMSA jista' jikkuntattja lill-Istat kostali biex jiżgura li t-twissija tkun waslet u joffri appoġġ addizzjonali. Immaġnijiet analizzati huma disponibbli għall-punti ta' kuntatti nazzjonali kważi f'ħin reali, f'inqas minn 30 minuta wara li s-satellita tikseb l-immaġni. Is-servizz jinkludi l-identifikazzjoni ta' dawk li potenzjalment iniġġsu billi jikkombina l-immaġni meħuda bis-satellita mal-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti. Wara li tirċievi l-informazzjoni aġġornata, l-awtorità nazzjonali mbagħad tiddeċiedi dwar ir-rispons operattiv xieraq, pereżempju, billi tibgħat riżorsa bħal ingenu tal-ajru biex jikkontrolla ż-żona u jivverifika t-tixrid, jew titlob li ssir spezzjoni tal-bastiment fil-port li jkun imiss.

Attivitajiet fir-rigward ta' sustanzi perikolużi u noċivi

Fir-rigward tat-tniġġis kimiku minn vapuri, il-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji assoċjati ma' dan it-tip ta' tniġġis irriżultat f'konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni u fid-deċiżjoni li l-intervent tal-EMSA għandu jiffoka fuq il-forniment rapidu ta' informazzjoni u pariri esperti dwar sustanzi kimiċi matul emerġenza sabiex jiġi appoġġjat kwalunkwe proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-parti rikjedenti. L-isfida ewlenija li jaffaċċjaw dawk li jintervjenu meta jiġu affaċċjati b'inċident kimiku hija tabilħaqq l-aċċess għal data dwar il-merkanzija u pariri speċjalizzati għal rispons ta' emerġenza, inkluża valutazzjoni tar-riskji fuq terminu qasir peress li s-sustanzi kimiċi minbarra li jiġu ttrasportati bl-ingrossa jiġu ttrasportati f'pakketti u s-sustanzi jistgħu jinteraġġixxu meta jiġu f'kuntatt.

L-ISKOP TAR-REGOLAMENT (UE) NRU 911/2014

Sabiex tappoġġja dan is-sett ta' azzjonijiet ta' rispons għat-tniġġis tal-baħar, il-Kummissjoni rrikonossiet li l-Aġenzija għandha tkun tista' tidħol f'impenji finanzjarji fit-tul sabiex toffri appoġġ operattiv xieraq u sostenibbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, billi tuża s-servizzi pprovduti mill-industrija. Għalhekk, fl-2005, il-Kummissjoni pproponiet⁶ li jinholq qafas finanzjarju pluriennali għall-attivitajiet ta' rispons għat-tniġġis tal-Aġenzija. L-ewwel pakkett finanzjarju għall-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013 kien ta' EUR 154 miljun. Il-pakkett għall-perjodu attwali bejn l-2014 u l-2020 huwa ta' EUR 160.5 miljun, f'it aktar sabiex jipprovidi għall-estensjoni tal-mandat li jkopri l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

Il-perspettiva pluriennali stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 911/2014 għandha l-għan li tipprovidi ċertezza legali u qafas stabli sabiex l-Aġenzija tkun tista' tikkonkludi kuntratti pluriennali mal-industrija kemm fir-rigward ta' bastimenti ta' rispons għat-tixrid taż-żejt ta' riżerva kif ukoll tal-organizzazzjoni ta' CleanSeaNet.

IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONI TA' NOFS IT-TERMINU

L-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni u li ġiet appoġġjata bi studju estern⁷ uriet li, f'konformità mal-mandat estern tagħha li tissupplimenta l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, u

⁶ COM(2005) 210 final/2: *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar finanzjament multi-annwali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002.*

⁷ Studju dwar il-kosteffikaċja u l-effiċjenza tas-servizzi ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt tal-EMSA, Rapport finali maħsub għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, Kuntratt EMSA/NEG/08/2016, April 2017.

billi tqis ukoll ir-riżorsi tal-industrija, l-EMSA ffukat fuq attivitajiet li kienu qegħdin jikkomplementaw ir-riżorsi eżistenti filwaqt li kienet kosteffikaċi. Fil-każ speċifiku tar-riskji assoċjati mal-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, bi kwantità potenzjalment akbar u bi skariku potenzjalment itwal tat-tixrid taż-żejt⁸, l-Aġenzija kienet kapaċi tadatta l-kapaċità ta' rispons tagħha għall-ħtiġijiet ta' tali tixrid.

Xorta waħda għandu jiġi rrimarkat li l-analiżi kienet limitata minħabba d-diffikultà li jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud ta' kapaċità li essenzjalment hija kopertura f'każ ta' tixrid kbir taż-żejt u għal din ir-raġuni, din ma tiġix attivata sakemm ma jkunx hemm inċident kbir.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku u ekoloġiku tal-azzjoni tal-EMSA fil-livell Ewropew, il-valutazzjoni tal-ammont ta' ħsara soċjoekonomika u ekoloġika li tista' tiġi evitata bis-saħħa tas-servizzi ta' rispons tal-EMSA għandha titqies b'kawtela kbira peress li l-każijiet passati juru li hemm diskrepanza konsiderevoli bejn il-ħsara stmata u l-ħsara vvalutata u kkompensata attwalment⁹.

Is-servizzi ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt

Minħabba l-pakkett ta' finanzjament sinifikanti allokat għan-Netwerk ta' Bastimenti ta' Rispons għat-Tniġġis taż-Żejt ta' Riżerva, li jirrappreżenta l-parti l-kbira tal-baġit ta' rispons għat-tniġġis tal-EMSA, sar sforz partikolari sabiex tiġi analizzata l-effiċjenza ta' dik il-kapaċità. It-tentattivi li saru sabiex tiġi vvalutata l-kosteffettività tal-mudell eżistenti tal-bastimenti noleġġati jissuġġerixxu li l-attivitajiet ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt tal-EMSA huma kosteffikaċi meta mqabbla mal-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw min-nuqqas ta' kapaċità min-naħa tagħha biex tittratta kif xieraq it-tixrid taż-żejt u tevita li dan jilħaq ix-xatt¹⁰. Barra minn hekk, jista' jiġi konkluż li l-EMSA tissodisfa r-rekwiżiti tal-mandat tagħha fil-qafas tal-baġit allokat lilha, u sa dak il-baġit, għal dan il-għan b'mod kosteffikaċi. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq il-fatt li l-livell tas-servizz ipprovdut attwalment mill-EMSA ma jistax jiġi replikat b'kost inqas billi jintuża xi mudell fattibbli alternattiv kif deskritt fl-istudju estern.

Din il-konklużjoni hija appoġġjata mid-diversi evalwazzjonijiet tal-attivitajiet tal-EMSA f'dan il-qasam kif ukoll mill-feedback tal-partijiet ikkonċernati. Il-valur miżjud (operattiv) ta' tali qafas ġie kkonfermat. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-servizz tal-irkupru taż-żejt fuq il-baħar ipprovdut permezz tan-Netwerk tal-Bastimenti ta' Rispons għat-Tixrid taż-Żejt ta' Riżerva ġew rikonoxxuti bħala xierqa għall-iskop tagħhom.

It-tabelli li ġejjin juru kif il-kapaċità tal-EMSA tissupplimenta l-kapaċità tal-kapaċitajiet nazzjonali. Skont il-mandat tagħha, l-EMSA ffukat fuq riżorsi mfassla għal tixridiet ta' żejt ta' ammont sinifikanti, investiment li l-Istati Membri ma setgħux jilħqu fil-livell nazzjonali.

⁸ Bħala paragun, *Deepwater Horizon* iġġenera tixrid ta' 800,000 tonnellata ta' żejt meta mqabbla mal-20,000 tonnellata għall-aċċident ta' *Erika* u l-64,000 tonnellata għal dak ta' *Prestige*.

⁹ Pereżempju, fl-inċident ta' *Erika*, f'diversi studji l-ħsara globali b'riżultat tal-inċident ġiet stmata għal EUR 1,370 miljun, filwaqt li abbażi tal-kumpens imħallas, il-ħsara globali rikonoxxuta hija fil-firxa ta' EUR 322.5 miljun.

¹⁰ Meta mqabbla mal-kost medju għal kull tonnellata ta' żejt irkuprat fuq l-art ta' EUR 5,744 (abbażi tad-data disponibbli dwar il-kostijiet storiċi), il-kostijiet totali għal kull tonnellata meta jintużaw il-bastimenti ta' rkupru fuq il-baħar tal-EMSA huma ta' EUR 287- 681 / għal kull tonnellata, jiġifieri bejn 20 darba sa 8 darbiet inqas.

Tabella 1: Il-bastimenti ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt tal-Istati Membri u tal-EMSA

Għadd ta' bastimenti				Kapaċità ta' ħażna (m³)	
Kapaċità ħażna	ta' Stati Membri EFTA (SM)	u Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà	SM	Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà	
< 200 m³	172	0	8,861	0	
200 m³ - 700 m³	56	0	17,311	0	
700 m³ - 1500 m³	23	1	24,935	997	
> 1500 m³	19	17	70,553	62,475	

Skont il-mandat tagħha, l-EMSA kkuntrattat bastimenti tal-irkupru taż-żejt b'kapaċità kbira ta' ħżin, filwaqt li żgurat ħtieġa inqas frekwenti tal-portijiet biex jiskarikaw iż-żejt irkuprat sabiex b'hekk ottimizat il-perjodi ta' rkupru fuq il-baħar. Fi kliem ieħor, is-17-il bastiment tal-Aġenzija għandhom kważi l-istess kapaċità ta' ħżin bħall-bastimenti tal-Istati Membri kollha ta' kapaċità komparabbli.

Tabella 2: It-tagħmir ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt tal-Istati Membri u tal-EMSA

	Kwantità	
	Stati Membri	EMSA
Sistemi ta' Kontroll u Rkupru	16	12
Weir Booms	2	2
Fire Booms	1	8
Sweeping arms	12	19
Aġent dispersiv (tunnellati)	> 3,500	800

Huwa importanti l-fatt li l-istudju ta' sostenn għall-evalwazzjoni wera wkoll li l-eżistenza tas-servizzi ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt tal-EMSA li jissupplimentaw ir-riżorsi nazzjonali u privati ma tidhirx li qiegħda tħalli impatt negattiv fuq il-livell ta' tħejjija tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi tal-EFTA. Dan baqa' stabbli tul il-perjodu analizzat, u jidher li huwa stabbilit li jsegwi l-istess xejra 'l quddiem lejn l-2020.

CleanSeaNet

Fir-rigward tas-servizz ta' identifikazzjoni ta' tixrid taż-żejt bis-satellita CleanSeaNet, l-evalwazzjoni tikkonkludi li dan huwa rilevanti u jipprovdi għodda utli għall-Istati Membri. Dan huwa l-aktar xieraq fil-livell tal-UE, billi jkopri l-ilmijiet marini Ewropej u lil hinn, u jipprovdi ħafna valur miżjud. Dan jiżgura valutazzjoni uniformi u ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet tal-iskariki u l-effett ta' deterrent tal-programm għall-monitoraġġ tat-tixrid. Dan huwa rilevanti fir-rigward tal-ħtiġijiet u x-xejriet attwali minħabba l-livell kontinwu ta' skariku intenzjonat jew ta' tixrid inċidentali fl-ibħra tal-UE. Barra minn hekk, flimkien mal-implimentazzjoni tal-programm ta' osservazzjoni tad-dinja Copernicus, dan huwa f'koerenza ma' portafoll wiesa' ta' politiki oħra tal-UE fir-rigward tas-sorveljanza tal-baħar.


L-użu ta' satelliti ġestiti tal-Aġenzija Spazjali Ewropea wassal għal tnaqqis konsiderevoli fil-kost għas-servizz peress li l-liċenzji huma disponibbli mingħajr ħlas. Matul il-perjodu bejn l-

2014 u l-2016, il-kostijiet tas-servizz għal kull 1,000 km² immonitorjat naqsu bejn wieħed u ieħor bi 22 %. L-EMSA ilha mit-tieni nofs tal-2016 tordna b' mod proporzjonali aktar prodott ta' Osservazzjoni tad-Dinja Sentinel-1, u dan għandu jżied aktar fis-snin li ġejjin. Billi juża Sentinel 1-A u 1-B, is-servizz CleanSeaNet jista' jipprovdi kopertura tas-satelliti mtejba, filwaqt li simultanjament inaqqas il-kostijiet tas-servizz.

Fir-rigward tal-impatt tas-servizz CleanSeaNet f'termini ta' effett ta' deterrent, ix-xejra globali tul il-parti l-kbira tal-aħħar deċennju, kif muri fil-figura 2, kienet ta' tnaqqis fuq bażi annwali fl-għadd ta' tixrid possibbli identifikat għal kull miljun km² immonitorjat. It-tnaqqis ċar kull sena fil-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2010 ikkoinċida mal-perjodu ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kif ukoll ma' żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mat-tniġġis tal-baħar u titjib fil-forniment ta' faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet madwar il-kontinent kollu, filwaqt li t-tnaqqis fil-perjodu ta' bejn l-2010 u l-2015 huwa aktar gradwali.

Fl-2016, ix-xejra nqalbet, b'żieda fl-għadd ta' tixrid possibbli identifikat. Hemm għadd ta' raġunijiet possibbli għaliex ix-xejra setgħet inqalbet fl-2016: l-introduzzjoni tas-satelliti Sentinel-1, li rriżultat f'kapaċitajiet ta' identifikazzjoni mtejba, l-ottimizzazzjoni tal-ippjanar ta' CleanSeaNet, u, sa ċertu punt, żieda fil-volum tat-tbaħħir li setgħet tikkawża ż-żieda fl-identifikazzjonijiet.

Figura 2: CleanSeaNet 2008 – 2016: xejriet fi tniġġis possibbli identifikat



Sors: EMSA

Attivitajiet fir-rigward ta' sustanzi perikolużi u noċivi

Għall-attivitajiet relatati ma' sustanzi perikolużi u noċivi, li jirrappreżentaw parti żgħira mill-użu tal-kontribut tal-Unjoni, l-evalwazzjoni tikkonkludi li għalkemm huma magħrufa inqas

mill-pubbliku, dawn l-attivitajiet, li jiffukaw l-aktar fuq l-għoti ta' informazzjoni esperta sabiex tiġi ttrattata emerġenza kimika, huma rilevanti u meqjusa siewja mill-Istati Membri. Bħala medja, dawn tal-aħħar jattivaw is-servizz espert tal-EMSA ħames darbiet fis-sena.

KONKLUŻJONIJIET

B'mod ġenerali, ir-rieżami ta' nofs it-terminu jikkonkludi li l-EMSA stabbilixxiet u żżomm programm komprensiv ta' identifikazzjoni, tħejjija u rispons għat-tniġġis f'konformità mal-mandat tagħha biex tissupplimenta l-kapaċitajiet tal-Istati Membri kostali tal-UE/l-EFTA biex jirrispondu għal inċidenti fuq skala kbira. L-attivitajiet ta' rispons għat-tniġġis tal-EMSA għandhom valur miżjud, u llum il-ġurnata għadhom rilevanti u koerenti ma' approċċi preventivi fil-livell tal-UE u politiki oħra tal-UE, bħall-politika dwar il-protezzjoni ċivili. Għal din tal-aħħar, ġie identifikat qasam wieħed għal titjib bl-għan li jiġi offrut appoġġ imsaħħaħ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri l-possibbiltà li jiġi ffaċilitat il-finanzjament tal-kostijiet tat-trasport tat-tagħmir ta' rispons għat-tniġġis permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili¹¹.

L-attivitajiet ta' rispons għat-tniġġis tal-EMSA ċertament jikkontribwixxu għal protezzjoni aħjar tal-ambjent tal-baħar, tal-kosti u taċ-ċittadini minn qabel ma ġew stabbiliti dawn il-miżuri. Fi ħdan il-pakkett finanzjarju speċifiku stabbilit fir-Regolament (UE) 911/2014, l-Aġenzija kienet kapaċi tadatta l-istrateġija tagħha billi tisfrutta s-sinerġiji u tipprijoritizza l-attivitajiet sabiex ttipprovdi għall-estensjoni tal-mandat biex tkopri tixrid potenzjali minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

Minkejja dawn ir-riżultati pożittivi, fl-2018-2019 l-EMSA ser tniedi eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju ulterjuri, kif irrakkomandat mill-Bord Amministrattiv tagħha. L-Aġenzija ser taħdem mal-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali biex twettaq speċi ta' test tal-istress tal-kapaċitajiet eżistenti, sabiex tidentifika kwalunkwe ħtieġa ta' evoluzzjoni fuq terminu itwal fir-rigward tal-għażliet ta' rispons. Għall-ġejjieni, l-aħħar revizzjoni tal-mandat tal-EMSA¹² sabiex trawwem il-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd jista' jkollha impatt fuq l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EMSA għal rispons għat-tniġġis. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni titlob li jiġi esplorat il-qsim possibbli tar-riżorsi. L-EMSA esperjenzat l-użu ta' diversi tipi ta' valuri biex twettaq il-mandat tagħha. Fil-kuntest tal-operazzjonijiet b'diversi missjonijiet, l-EMSA tista' tikkontribwixxi billi ttiprovdi bastimenti b'diversi skopijiet kapaċi li jwettqu gwardja tal-kosta, kontrolli tas-sajd u funzjonijiet ta' rispons għat-tniġġis taż-żejt għall-użu kondiviż fost l-EMSA u l-awtoritajiet kompetenti.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-Regolament innifsu ((EU) 911/2014) li indika l-pakkett finanzjarju pluriennali disponibbli matul il-perjodu ta' bejn l-2014-2020 u li ser jiskadi wara dik id-data, dan ġie ppruvat li huwa għodda utli sabiex l-Aġenzija tkun tista' timplimenta l-attivitajiet tagħha fil-qasam tat-tħejjija u r-rispons għat-tniġġis. In-natura kumplessa ta' xi wħud minn dawn l-attivitajiet, flimkien mal-ħtieġa li jkun hemm kuntratti pluriennali mal-industrija, ħolqot il-ħtieġa inizjali għal ċertezza legali u perspettiva finanzjarja fuq terminu itwal. Ir-Regolament ippermetta lill-Aġenzija tibbenefika minn investimenti ta' darba f'bastimenti armati minn qabel għas-servizzi tal-irkupru taż-żejt u toħloq ekonomija ta' skala għas-servizzi bis-satellita.

¹¹ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

¹² Ir-Regolament (UE) 2016/1625, ĠU L 251/77

Madankollu, bil-maturità tal-attivitajiet u b'mod partikolari l-esperjenza miksuba attwalment bil-proċess ta' akkwist għal kuntratti pluriennali, il-ħtieġa għal tali Regolament finanzjarju separat (u linja baġitarja separata) skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (2020-2027) ma tidhirx li hija essenzjali sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-servizzi operattivi.

Il-baġit sabiex dawn l-attivitajiet jibqgħu jiġu ffinanzjati, filwaqt li jitqiesu l-limitazzjonijiet baġitarji attwali u futuri, se jibqa' parti integrali mis-sussidju annwali tal-Unjoni. Il-bażi ġuridika għall-azzjoni hija mogħtija mill-mandat globali tal-EMSA u l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-attivitajiet huwa ddefinit permezz tal-Pjanijiet ta' Azzjoni relatati u l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija. Dan jiżgura l-kontinwità tal-miżuri tal-EMSA sabiex tirrispondi għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.